

11.4.2016

B8-0439/39

Emenda 39

Julie Girling

f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B8-0439/2016

Pavel Poc, Kateřina Konečná, Bas Eickhout, Piernicola Pedicini, Mark Demesmaeker,

Sirpa Pietikäinen, Frédérique Ries

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

D. billi l-glifosat u/jew ir-residwi tiegħu instabu fl-ilma, fil-ħamrija, fl-ikel u fix-xorb u f'oġġetti mhux kommestibbli, kif ukoll fil-ġisem tal-bniedem (pereżempju fl-awrina u fil-ħalib tal-omm);

Imħassra

Or. en

11.4.2016

B8-0439/40

Emenda 40

Julie Girling

f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B8-0439/2016

Pavel Poc, Kateřina Konečná, Bas Eickhout, Piernicola Pedicini, Mark Demesmaeker, Sirpa Pietikäinen, Frédérique Ries

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
Tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

E. billi b'mod ġenerali l-popolazzjoni hi esposta primarjament minħabba residenzi qrib żoni mibxuxa, permezz tal-użu fid-dar u permezz tad-dieta; billi l-esponiment għall-glifosat qed jiżdied minħabba żieda drammatika fil-volum totali tal-użu tal-glifosat; billi l-impatt tal-glifosat fuq is-saħħa tal-bniedem m'għandux ikun sottovalutat;

Imħassra

Or. en

11.4.2016

B8-0439/41

Emenda 41

Julie Girling

f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B8-0439/2016

Pavel Poc, Kateřina Konečná, Bas Eickhout, Piernicola Pedicini, Mark Demesmaeker, Sirpa Pietikäinen, Frédérique Ries

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
Tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

J. illi r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) .../... ta' XXX li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva ***tal-glisofat bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 (minn hawn 'il quddiem l- "abbozz ta' Regolament ta' implimentazzjoni")*** jipproponi li jawtorizza ***l-glisofat*** sat-30 ta' Ġunju 2031, il-perjodu massimu possibbli, ***għal kwalunkwe użu, mingħajr ebda restrizzjoni (minbarra għal wieħed minn kull 500 koformulant), mingħajr kundizzjonijiet legalment vinkolanti dwar l-użu tiegħu, u suġġett biss għal informazzjoni konfermatorja dwar il-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali;***

Emenda

J. illi r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) .../... ta' XXX li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva ***tal-glifosat skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 (minn hawn 'il quddiem l- "abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni")*** jipproponi li jawtorizza ***l-glifosat*** sat-30 ta' Ġunju 2031, il-perjodu massimu possibbli, ***u li jiżviluppa miżuri regolatorji biex jidentifika koformulanti li ma jistgħux jintużaw fi kwalunkwe prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, inklużi dawk li fihom il-glifosat;***

Or. en

11.4.2016

B8-0439/42

Emenda 42

Julie Girling

f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B8-0439/2016

Pavel Poc, Kateřina Konečná, Bas Eickhout, Piernicola Pedicini, Mark Demesmaeker, Sirpa Pietikäinen, Frédérique Ries

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
Tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

R. billi l-abbozz ta' Regolament ta' implimentazzjoni madankollu ma fihx miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju legalment vinkolanti, minkejja r-riskju għoli fuq terminu twil misjub għal prattikament kull tip ta' użu tal-glifosat għal vertebrati terrestri mhux fil-mira, inklużi mammiferi u għasafar; billi l-użu tal-glifosat bħala erbiċida mhux selettiv mhux biss joqtol il-ħaxix mhux mixtieq, imma l-pjanti kollha, kif ukoll l-algi, il-batterji u l-fungi, b'hekk iħalli impatt mhux aċċettabbli fuq il-bijodiversità u l-ekosistema; billi bħala tali, il-glifosat ma jikkonformax mal-punt (e)(iii) tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009;

Imħassra

Or. en

11.4.2016

B8-0439/43

Emenda 43

Julie Girling

f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B8-0439/2016

Pavel Poc, Kateřina Konečná, Bas Eickhout, Piernicola Pedicini, Mark Demesmaeker, Sirpa Pietikäinen, Frédérique Ries

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
Tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa U

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

U. billi l-Kap tal-Unità tal-Pestiċidi tal-EFSA, li kien inkarigat mill-valutazzjoni, iddeskriva ċerti studji mhux valutati mill-IARC bħala "fundamentali" u "kruċjali"; billi l-EFSA s'issa rrifjutat li tippubblika dawn l-istudji, minħabba li l-applikanti affermaw li l-iżvelar jagħmel ħsara lill-interessi kummerċjali tagħhom; billi n-nuqqas ta' pubblikazzjoni tal-istudji jwassal biex ma jkunx possibbli skrutinju xjentifiku indipendenti; billi l-EFSA ma tatx prova verifikabbli li l-iżvelar ikun ta' ħsara għall-industrija, kif previst mill-obbligu legali tagħha skont l-Artikolu 63 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009;

Imħassra

Or. en

11.4.2016

B8-0439/44

Emenda 44
Julie Girling
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal risoluzzjoni **B8-0439/2016**
Pavel Poc, Kateřina Konečná, Bas Eickhout, Piernicola Pedicini, Mark Demesmaeker, Sirpa Pietikäinen, Frédérique Ries
f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
Tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat

Mozzjoni għal risoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal risoluzzjoni

Emenda

1. Iqis li l-abbozz tar-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni **jonqos milli jiżgura livell għoli ta' protezzjoni kemm għas-saħħa tal-bnedmin kif ukoll għas-saħħa tal-annimali u l-ambjent, jonqos milli japplika l-prinċipju ta' prekawzjoni, u jisboq is-setgħat** ta' implimentazzjoni previsti fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009;

1. Iqis li l-abbozz tar-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni **huwa konsistenti ma' valutazzjonijiet xjentifiċi estensivi mwettqa mill-EFSA u mill-Istitut Federali Ġermaniż għall-Valutazzjoni tar-Riskji (BfR), li kkonkludew li l-glifosat jissodisfa l-istandards meħtieġa biex jiġi approvat għall-użu u ma jippreżenta ebda riskju mhux aċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent; huwa tal-fehma li l-Kummissjoni qed taġixxi fil-limiti tas-setgħat** ta' implimentazzjoni previsti fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009;

Or. en

11.4.2016

B8-0439/45

Emenda 45
Julie Girling
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **B8-0439/2016**
Pavel Poc, Kateřina Konečná, Bas Eickhout, Piernicola Pedicini, Mark Demesmaeker, Sirpa Pietikäinen, Frédérique Ries
f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
Tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

2. Jistieden lill-Kummissjoni tirtira l-abbozz tar-Regolament ta' implimentazzjoni tagħha u tippreżenta abbozz ġdid lill-Kumitat;

2. Jappoġġja l-adozzjoni mill-Istati Membri ta' regolament ta' implimentazzjoni bbażat fuq il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għas-sustanzi attivi kif stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1141/2010 (it-tieni Regolament ta' Tiġdid); jinnota li b'segwitu għal kwalunkwe awtorizzazzjoni mill-ġdid, l-Istati Membri huma obbligati jivvalutaw mill-ġdid il-prodotti kollha fis-suq li fihom il-glifosat, inklużi l-koformulanti tiegħu, u jiżguraw li huma jibqgħu konformi mal-istandards tas-sikurezza moderni;

Or. en

11.4.2016

B8-0439/46

Emenda 46

Julie Girling

f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B8-0439/2016

Pavel Poc, Kateřina Konečná, Bas Eickhout, Piernicola Pedicini, Mark Demesmaeker, Sirpa Pietikäinen, Frédérique Ries

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
Tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

3. Jistieden lill-Kummissjoni *ma ġġeddidx l-approvazzjoni tal-glisofat u tistabbilixxi skadenza ċara biex tkun stabbilita lista ta' koformulanti li ma jistgħux ikunu inklużi fi prodotti* għall-protezzjoni tal-pjanti;

3. Jistieden lill-Kummissjoni *biex tuża approċċ sod u bbażat fuq ix-xjenza meta tiżviluppa miżuri regolatorji biex jiġu identifikati koformulanti li m'għandhom jintużaw fl-ebda prodott* għall-protezzjoni tal-pjanti;

Or. en

11.4.2016

B8-0439/47

Emenda 47
Julie Girling
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **B8-0439/2016**
Pavel Poc, Kateřina Konečná, Bas Eickhout, Piernicola Pedicini, Mark Demesmaeker, Sirpa Pietikäinen, Frédérique Ries
f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
Tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex mingħajr dewmien tiżgura rieżami indipendenti tal-klassifikazzjoni tal-glifosat abbażi tal-evidenza xjentifika kollha disponibbli relatata mal-karċinoġeniċità tal-glifosat kif ukoll ma' proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali abbażi tal-kriterji xjentifiċi orizzontali mistennija għal proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali;

Imħassar

Or. en

11.4.2016

B8-0439/48

Emenda 48

Julie Girling

f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B8-0439/2016

Pavel Poc, Kateřina Konečná, Bas Eickhout, Piernicola Pedicini, Mark Demesmaeker, Sirpa Pietikäinen, Frédérique Ries

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
Tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 4 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

4a. Jissottolinja li r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jipprevedi l-irtirar ta' sustanza attiva matul il-perjodu ta' awtorizzazzjoni tagħha, abbażi ta' evidenza xjentifika ġdida li tista' turi li s-sustanza ma tkunx għadha tissodisfa l-kriterji ta' approvazzjoni;

Or. en

11.4.2016

B8-0439/49

Emenda 49
Julie Girling
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **B8-0439/2016**
Pavel Poc, Kateřina Konečná, Bas Eickhout, Piernicola Pedicini, Mark Demesmaeker, Sirpa Pietikäinen, Frédérique Ries
f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
Tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-EFSA biex **immedjatament jiżvelaw kull evidenza xjentifika li kienet il-bażi li wasslet għall-klassifikazzjoni pożittiva u l-awtorizzazzjoni mill-ġdid tal-glisofat, minħabba l-interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar;**

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-EFSA biex, **sa fejn ikun possibbli fil-limiti tal-qafas legali u regolatorju u b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' kunfidenzjalità fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, jippermettu aċċess għall-istudji xjentifiċi u d-data użati għall-klassifikazzjoni pożittiva u l-proposta ta' awtorizzazzjoni mill-ġdid tal-glifosat; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, biex tagħmel l-isforzi kollha meħtieġa biex tiffaċilita l-iżvelar sħiħ tal-evidenza xjentifika użata fil-kuntest tal-proċess ta' evalwazzjoni tal-UE;**

Or. en

11.4.2016

B8-0439/50

Emenda 50

Julie Girling

f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B8-0439/2016

Pavel Poc, Kateřina Konečná, Bas Eickhout, Piernicola Pedicini, Mark Demesmaeker, Sirpa Pietikäinen, Frédérique Ries

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
Tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6. Jistieden lill-Kummissjoni tinkariga lill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju tagħha jittestja u jimmonitorja residwi tal-glifosat f'ikel u xorb prodott fl-Unjoni, kif ukoll fi prodotti impurtati;

6. Jirrikonoxxi li l-ittestjar ta' tossiċità fi Stat Membru diġà jiffaċilita l-monitoraġġ ta' residwi tal-glifosat f'ikel u xorb prodott fl-Unjoni, kif ukoll fi prodotti impurtati; jissottolinja, skont l-aktar data reċenti disponibbli meħuda minn rapporti ta' monitoraġġ annwali tal-Istati Membri, li f'99,3 % tal-kampjuni ttestjati, ir-residwi kienu jew intraċċabbli jew fil-limiti preskrutti mil-liġi;

Or. en

11.4.2016

B8-0439/51

Emenda 51

Julie Girling

f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B8-0439/2016

Pavel Poc, Kateřina Konečná, Bas Eickhout, Piernicola Pedicini, Mark Demesmaeker, Sirpa Pietikäinen, Frédérique Ries

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
Tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

7. Hu tal-opinjoni li segwitu xieraq għal din ir-riżoluzzjoni u għalhekk it-tressiq ta' abbozz ġdid emendat bir-reqqa mill-Kummissjoni se jkun kruċjali għall-fiduċja fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u bejniethom;

Imħassar

Or. en